— Għaliex il-Kummissjoni ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li kien hemm ksur tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 peress li l-provi prodotti mir-Renju ta' Spanja fil-proċedura ta' verifika ġġustifikaw l-applikazzjoni ta' analiżi xierqa u l-adozzjoni tal-miżuri adegwati sabiex titjieb is-selezzjoni bbażata fuq ir-riskju, u għaldaqstant dan ma jikkostitwixxix ksur tad-dritt tal-Unjoni li jeskludi finanzjament tal-ispejjeż agrikoli konformement mal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

2. Il-korrezzjoni imposta b'ammont ta' EUR 2 123 619,66 ("Żvantaġġi naturali" u "Miżuri agroambjentali") għandhom jiġu annullati għar-raġunijiet li ġejjin:

— Din tikser l-Artikolu 10(2) u (4) u l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006, sa fejn il-Kummissjoni qieset li r-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu fil-qasam tal-verifiki peress li ma pproċediex, fir-rigward tal-miżuri "Diffikultajiet ambjentali" u "Miżuri agroambjentali", għall-għadd mill-ġdid tal-annimali matul il-verifiki mwettqa fuq l-art b'rabta mal-għajnuna msemmija. Dan il-motiv huwa maqsuma f'żewġ partijiet, fejn ir-Renju ta' Spanja jqis li:

a) L-obbligu ta' għadd mill-ġdid tal-annimali matul il-verifiki fuq l-art fil-kuntest tal-għajnuna għall-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-2013 ta' Catilla y León imur kontra n-natura ta' kontinwità tal-kriterju ta' koeffiċjenti ta' oneru u kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u,

b) Il-Kummissjoni interpretat l-Artikolu 10(2) u (4) b'rabta mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006 b'mod żbaljat, billi qieset li s-sistema ta' verifika Spanjola ma kinitx adegwata biex jiġi vverifikat jekk ġiex issodisfatt il-kriterju tal-oneru.

— Din tikser l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1082/2003, u l-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004, sa fejn ir-Renju ta' Spanja għandu bażi ta' data affidabbli dwar ċanga, vitella, nagħaġ u mogħoż, li, barra minn hekk, jaġġorna b'mod kontinwu u bil-metodu previst.

— Din tisker l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, inkwantu hija manifestament sproporzjonata sa fejn tistabbilixxi korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % għall-miżuri affettwati mill-investigazzjoni. Il-korrezzjoni finanzjarja hija sporporzjonata peress li, li kieku kellu jiġi kkonstatat il-ksur attribwit lill-awtoritajiet Spanjoli, id-deċiżjoni adottata tmur lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2015 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża T-145/15)**

(2015/C 178/20)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Rumanija (rappreżentanti: R. Radu, V. Angelescu, R. Mangu, D. Bulancea, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-eżerċizzju mhux xieraq tal-kompetenza li l-Kummissjoni Ewropea għandha li teskludi ammonti ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea

— L-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet b'rata fissa stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2015/103, il-Kummissjoni eżerċitat il-kompetenza tagħha b'mod mhux xieraq, bi ksur tal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1200/2005 u (KE) Nru 485/2008 kif ukoll tal-linji gwida tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li ġew definiti fil dokument Nru VI/5330/97, tat-23 ta' Diċembru 1997, bit-titolu "Linji gwida li jikkonċernaw il-kalkolu tal-konsegwenzi finanzjarji fil-preparazzjoni tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEGG-Garanzija".

— Il-Kummissjoni kienet obbligata li tistabbilixxi korrezzjonijiet ibbażati fuq l-identifikazzjoni tas-somom minfuqa indebitament mir-Rumanija u mhux li tapplika rati fissi, peress li, minn naħa, in-natura tas-sitwazzjoni ma kinitx teħtieġ dan, u li, min-naħa l-oħra, l-Istat Rumen kien ipprovda lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex tistabbilixxi korrezzjonijiet ikkalkolati. F'dan il-każ, ma jistax jitqies li sabiex tistabbilixxi l-korrezzjonijiet ikkalkolati, ibbażati fuq it-telf reali ta' fondi, il-Kummissjoni kellha tagħmel sforzi sproporzjonati.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti u mhux xierqa tad-deċiżjoni kkontestata

— Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2015/103 ma hijiex immotivata suffiċjentement u b'mod xieraq, peress li, meta adottatha, il-Kummissjoni ma spjegatx suffiċjentement ir-raġunijiet għaliex hija għażlet li tapplika rata fissa għall-irregolaritajiet ikkonstatati fil-missjonijiet ta' awditu u ma ġġustifikatx b'mod xieraq għaliex l-argumenti invokati mir-Rumanija fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi applikata korrezzjoni kkalkolata ma setgħux jiġu aċċettati u jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-istabbiliment tal-korrezzjoni finali.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

— Id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li l-applikazzjoni ta' rata fissa ta' korrezzjoni ta' rispettivament 10 % għall-ispejjeż tas-sena ta' applikazzjoni 2009 u ta' 5 % għas-sena ta' applikazzjoni 2010 wasslet għal sopravalutazzjoni tat-telf ta' fondi tal-Unjoni wara l-irregolaritajiet ikkonstatati matul il-missjonijiet ta' awditu, peress li r-rati msemmija la jiħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-gravità tal-ksur, u lanqas l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-baġit tal-Unjoni.

---

## Rikors ippreżentat fl-1 ta' April 2015 – Abertis Infraestructuras u Abertis Telecom Satélites vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-158/15)**

(2015/C 178/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Abertis Infraestructuras, SA (Barcelona, Spanja), Abertis Telecom Satélites, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, M. Maragall de Gispert, M. Santa María Fernández, J. Panero Rivas, avukati, u A. Balcells Cartagena, avukat))

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea